# Il-Ħadd 21.06.2015

1. Illum 21/06, ***Jum il-Missier***:
   - Fis-7:00pm, Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(u mhux fis-6:00pm fil-knisja parrokkjali)*.

2. L-Erbgħa 24/06:
   - Fis-7:00pm, l-Arċisqof Charles J. Scicluna ser jippreżenta l-punti prinċipali tal-Enċiklika tal-Papa Franġisku *"Laudato Si'" - Tkun imfaħħar int, Mulej* - fil-bitħa ċentrali tas-Seminarju tal-Arċisqof, f'tal-Virtù, ir-Rabat. Kulħadd huwa mistieden jattendi. (http://w2.vatican.va/content/francesco/it/encyclicals/index.html)

3. Il-Ħamis 25/06:
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

4. Is-Sibt 27/06:
   - Mid-9:00am sas-1:00pm ser issir Konferenza miftuħa għal kulħadd dwar *'L-Evanġelizzazzjoni Ġdida fil-Parroċċa'* fl-Iskola ta' Santa Monika, l-Gżira, wara l-pixxina nazzjonali.

5. Mit-Tnejn 29/06 sal-Ġimgħa 03/07:
   - Ser ikollna Ġimgħa ta' Tagħlim mill-membri tal-MUSEUM fil-bitħa tal-MUSEUM tas-Subien fis-7:00pm bit-tema: *UTINAM - Mhux li kien*. Nixtiequ naraw attendenza numeruża.

6. Avviżi oħra:
   - Infakkar li kull nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa qed nistiednu b'mod speċjali lit-tfal li għadhom kif għamlu l-preċett għall-quddiesa tas-6:30pm, fejn qed ikollhom sehem attiv fil-quddiesa u jitellgħulhom xi rigali.
   - Matul ix-xhur tas-Sajf, is-Seminarju assenja lis-Seminarista Jonathan Debattista, li għadu kemm temm it-tieni sena ta' formazzjoni għas-saċerdozju u li hu mill-parroċċa ta' Ħal Tarxien, sabiex jagħmel esperjenza fil-parroċċa tagħna. Dan filwaqt li jkun preżenti wkoll mal-Youth Fellowship u jieħu il-mistrieħ tiegħu. Nilqgħuh fostna u nitolbu għalih.
   - Infakkar fl-applikazzjonijiet għall-Korsijiet li qed jiġu offruti mill-Fakultà tat-Teoloġija fi ħdan l-Università ta' Malta, kif ukoll mill-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali li hu bbażat fl-Istitut Kattoliku, Floriana. Dettalji jinkisbu mill-websites rispettivi (www.um.edu.mt/theology/prospectus u www.maltapfi.org) jew mis-sagristija, fejn hemm diversi *brochures* relatati.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 298 bħala ġabra speċjali li saret b'risq ir-restawr ta' San Pawl u l-manutensjoni tal-Knisja;
   - € 440 minn ħarġa li kellna;
   - € 100 donazzjonijiet ukoll b'risq ir-restawr ta' San Pawl. Grazzi mill-qalb.